**25 ta' Lulju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. Ġ. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Paolo Farrugia

**Responsabbiltà Kriminali — Minuri — Art. 36 u 25 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi kriminali tiddisponi illi fil-każ ta' persuni li ma jkunux penalment responsabbli mħabba l-età tagħhom ta' anqas minn disgħa snin, jew ta' anqas minn erbatax il-sena meta jkunu kkommettew il-fatt mingħajr dixxerniment, il-Qorti tista', fuq talba tal-Pulizija, tordna t-tħarrik tal-persuna nkarigata mit-trobbija tal-minuri, u, fil-każ li jirriżulta fatt penali, tobliga lil dik il-persuna, taħt piena pekunjarja, li tivviġila fuq il-minuri. Minflok, il-Qorti tista' tqiegħed lill-minuri f'istitut, jew, meta l-fatt tal-minuri jkun punibbli b'ammenda, tikkundanna lill-persuna li jkollha t-trobbija tiegħu, jekk hi setgħet bid-diliġenza tagħha tevita l-fatt. Kondizzjoni, għalhekk, għall-applikabbilità ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi hija l-età ta' taħt l-erbatax il-sena tal-persuna subordinata.*

*Mill-banda l-oħra, il-liġi kriminali tiddisponi wkoll illi f'każ ta' kontravvenzjoni magħmula minn persuna li tkun taħt is-setgħa, it-treġija jew il-ħsieb ta' persuna oħra, tkun suġġetta għall-piena mhux biss il-persuna li tagħmel il-kontravvenzjoni, imma wkoll dik il-persuna l-oħra, jekk il-kontravvenzjoni tkun kontra dispożizzjoni tal-liġi li dik il-persuna l-oħra kien imissha ġġiegħel li tiġi mħarsa, u jekk il-kontravvenzjoni setgħet tiġi evitata bid-diliġenza ta' dik l-persuna l-oħra. U għall-applikabbilità ta' dan id-dispost tal-liġi jeħtieġ jirrikorru tliet rekwiżiti, ċjoè (1) kontravvenzjoni kommessa minn persuna suġġetta għall-awtorità, direzzjoni jew viġilanza ta' persuna oħra, (2) l-obligu tal-persuna sovrastanti li ġġiegħel li tiġi mħarsa d-dispożizzjoni tal-liġi miksura bil-kontravvenzjoni tal-persuna subordinata, u (3) il-possibbiltà li dik il-persuna, bid-diliġenza tagħha, tevita l-kontravvenzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk l-imputazzjoni hija illi l-imputat, bħala missier, naqas li jieħu ħsieb kif jeħtieġ biex ibnu ma jikkommettix kontravvenzjoni (fil-każ kienet waħda ta' ġmiegħ ta' żibel bla permess), u l-Qorti tiġi nfurmata illi dak l-iben kien għalaq l-erbatax il-sena meta kkommetta l-kontravvenzjoni, ma għandhiex tilliberа lill-missier imputat, imma għandha tara jekk fil-fatt jikkonkorrux fil-fattispeċje l-elementi tad-dispożizzjoni l-oħra fuq riferita. Il-liberazzjoni tal-imputat fuq il-motiv addott mill-Maġistrat, li l-imputat kien għalaq l-erbatax il-sena, tikkostitwixxi applikazzjoni errata għall-fatt tal-ipotesi tal-liġi, u bħala tali tagħti lill-Attorney General id-dritt tal-appell; u l-Qorti tal-Appell tirrevoka s-sentenza liberatorja u tgħaddi għat-trattazzjoni tal-kawża fuq il-meritu tal-imputazzjoni skond id-dispożizzjoni fuq imsemmija fit-tieni lok.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-Attorney Generali, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta taż-17 ta' Ġunju 1959 u talab ir-revoka tal-istess sentenza, u li l-imsemmi Paolo Farrugia jiġi misjub ħati u kundannat skond il-liġi, fuq l-imputazzjoni li fit-30 ta' Mejju 1959, tas-Sliema, bħala missier Nazzareno Farrugia, minuri, naqas li jieħu ħsieb, kif jeħtieġ, biex dan ibnu ma jagħmilhiex ta' ġemmieħ iż-żibel kontra d-dispożizzjoni tal-art. 32(1) tal-Kapitolu 13, meta din il-kontravvenzjoni setgħet tiġi evitata bid-diliġenza tiegħu;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-liberazzjoni tal-imputat hija hekk motivata fis-sentenza appellata:— "Billi, kif infurmat il-Pulizija lill-Qorti, il-minuri għalaq erbatax il-sena, u kwindi seta' jiġi mħarrek personalment";

Għalkemm fis-sentenza ma hemmx indikata l-liġi li fuqha l-Qorti bbażat il-ġudizzju tagħha, jista' jidher li hija kellha in vista l-art. 36 tal-Kodiċi Kriminali (Att. V tal-1936);

Dan l-artikolu jipprevedi l-ipotesi ta' persuni li ma jkunux penalment responsabbli mħabba fl-età tagħhom ta' anqas minn disgħa snin jew ta' anqas minn erbatax il-sena meta jkunu kkommettew il-fatt mingħajr dixxerniment. F'dawn il-każi, il-Qorti tista', fuq talba tal-Pulizija, tordna t-tħarrik tal-persuna nkarigata mit-trobbija tal-minuri u, fil-każ li jirriżulta fatt penali, tobliga lil dik il-persuna, taħt piena pekunjarja, li tivviġila fuq il-minuri. Minflok, il-Qorti tista tqiegħed lill-minuri f'istitut, jew, meta l-fatt tal-minuri jkun punibbli b'ammenda, tikkundanna lill-persuna li jkollha t-trobbija tiegħu, jekk hi setgħet bid-diliġenza tagħha tevita l-fatt;

Kondizzjoni, għalhekk, għall-applikabbilità tal-art. 36, hija l-età ta' taħt l-erbatax il-sena tal-persuna subordinata;

Mill-banda l-oħra, l-art. 25 invokat mill-appellant jiddisponi hekk:— "F'każ ta' kontravvenzjoni magħmula minn persuna li tkun taħt is-setgħa, it-treġija jew il-ħsieb ta' persuna oħra, tkun suġġetta għall-piena mhux biss il-persuna li tagħmel il-kontravvenzjoni, imma wkoll dik il-persuna l-oħra, jekk il-kontravvenzjoni tkun kontra dispożizzjoni tal-liġi li dik il-persuna l-oħra kien imissha ġġiegħel li tiġi mħarsa, u jekk il-kontravvenzjoni setgħet tiġi evitata bid-diliġenza ta' dik il-persuna l-oħra";

Għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, li hu simili għall-ewwel parti tal-art. 60 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889, iridu jikkonkorru dawn ir-rekwiżiti:—

1. Kontravvenzjoni kommessa minn persuna suġġetta għall-awtorità, direzzjoni jew viġilanza ta' persuna oħra. Kif intqal fir-relazzjoni "Zandedelli" fuq il-Proġett tal-1887 tal-Kodiċi Penali Taljan, l-awtorità, direzzjoni jew viġilanza, jistgħu jidderivaw kemm minn rapporti familjari, kemm minn rapporti ta' edukazzjoni, istruzzjoni, kustodja jew xogħol. U, kif irriteniet il-Kassazzjoni Taljana (27. 7 1900), f'każ ta' bestjam imħolli inkustodit, "E col figlio autore ne risponde, in virtù della patria potestà, il padre che, potendo, non impedì la contravvenzione";

2. L-obligu tal-persuna sovrastanti li ġġiegħel li tiġi mħarsa d-dispożizzjoni tal-liġi miksura bil-kontravvenzjoni tal-persuna subordinata;

3. Il-possibbiltà li dik il-persuna, bid-diliġenza tagħha, tevita l-kontravvenzjoni, jiġifieri l-inazzjoni volontarja bil-possibbiltà li l-fatt jiġi mpedit. L-imputabbilità u r-responsabbiltà tal-persuna sovrastanti hi fondata fuq il-presuppost li l-inazzjoni volontarja tagħha kienet kaġun ta' kontravvenzjoni;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat fl-att taċ-ċitazzjoni tikkontjeni l-elementi kollha tal-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali: il-kontravvenzjoni tat-terza persuna bi ksur tal-art. 32(1) tal-Kap. 13, li, skond l-art. 313 ta' dak il-Kap., jikkostitwixxi kontravvenzjoni; ir-rapport ta' subordinazzjoni familjari; l-obligu tal-prevenzjoni tal-imputat bħala missier il-minuri, kif kontenut fil-kliem "naqas li jieħu ħsieb kif jeħtieġ"; u l-inazzjoni tiegħu meta seta' bid-diliġenza tiegħu jipprevjeni l-kontravvenzjoni;

Jinżel mill-premess li, meta l-Ewwel Qorti ġiet infurmata li Nazzareno Farrugia kien għalaq l-erbatax il-sena, hija kellha tindaga jekk jikkonkorrux fil-fattispeċje l-elementi tal-art. 25, u mhux tillibera lill-imputat. Iċ-ċirkustanza li l-imputat għalaq l-erbatax il-sena, u kwindi seta' jiġi mħarrek personalment, ma twassalx biex, fil-każ li jirriżultaw l-elementi tal-art. 25, l-imputat jiġi liberat. Ebda proċedura ma kienet ittieħdet, billi Nazzareno Farrugia kien għalaq l-erbatax il-sena. Anzi bil-fatt stess li huwa kien ta' fuq din l-età aktar setgħet tirriżulta l-imputabbilità tiegħu, u eventwalment dik attribwita lill-imputat Paolo Farrugia. L-art. 25, infatti, jiddisponi illi tkun suġġetta għall-piena mhux biss il-persuna li tagħmel il-kontravvenzjoni, imma wkoll dik il-persuna l-oħra;

Għalhekk il-liberazzjoni tal-imputat fuq il-motiv addott mill-Ewwel Qorti tikkostitwixxi applikazzjoni errata għall-fatt tal-ipotesi kontemplata fl-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali,

u bħala tali, skond il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, tagħti lill-Attorney General id-dritt tal-appell;

Għal dawn il-motivi;

Tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna t-trattazzjoni tal-kawża fuq il-meritu tal-imputazzjoni skond l-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.